Nru. 17,998
Prezz 8ċ
Price 8c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' Novembru, 2006
Friday, 17th November, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 973**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XVII ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 dwar l-Approprjazzjoni (2007); u

Att Nru. XVIII ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2006).

Is-17 ta' Novembru, 2006

**Nru. 974**

**MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI**

**Ħatra ta' Direttur (*Standards* fil-Ħarsien Soċjali)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. Kenneth Grech, M.D., M.Sc.(Lond), M.B.A., D.L.S.H.T.M., bħala Direttur (*Standards* fil-Ħarsien Soċjali) fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali b'seħħ mis-17 ta' Ottubru, 2006.

Id-Direttur (*Standards* fil-Ħarsien Soċjali) jibqa' responsabbli għall-Ħarsien Soċjali.

L-14 ta' Novembru, 2006

OPM/MPO/40/93/XIV

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 973**

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XVII of 2006 entitled the Appropriation (2007) Act, 2006; and

Act No. XVIII of 2006 entitled the Second (2006) Appropriation Act, 2006.

17th November, 2006

**No. 974**

**MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY**

**Appointment of Director (Social Welfare Standards)**

In exercise of the powers vested in him by Article 92(4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Kenneth Grech, M.D., M.Sc.(Lond), M.B.A., D.L.S.H.T.M., as Director (Social Welfare Standards) within the Ministry for the Family and Social Solidarity with effect from 17th October, 2006.

The Director (Social Welfare Standards) shall still be responsible for Social Welfare.

14th November, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 57 ta' l-2006**

*Image Projectors fuq il-Forti Sant' Anġlu*

L-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu se torganizza żewġ avvenimenti fil-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq fil-Belt Valletta fit-2 u l-5 ta' Diċembru, 2006. Parti mill-avvenimenti jinkludu logħob tan-nar mix-xatt tal-ponta ta' Bighi u *image projections* fuq il-Forti Sant' Anġlu.

Minħabba dan ta' hawn fuq, ngħarrfu 'l-baħħara illi parti mill-Port il-Kbir se tkun magħluqa għall-bastimenti u inġenji kollha bejn id-9.00 p.m. u l-10.30 p.m. ħin lokali (8.00 p.m. u 9.30 p.m. UTC) fid-dati tal-wirjiet imsemmija hawn fuq.

Linja immaġinarja tgħaqqad l-area ristretta mill-ponot li ġejjin:

1. Fuq it-Tramuntana tal-Ponta ta' Sant' Anġlu għall-*Breakwater* tar-Rikasoli u l-kosta bejniethom u mill-Ponta ta' Sant' Anġlu sa Xatt il-Barriera.

2. Fuq in-Nofsinhar mix-Xatt ta' Sant' Anġlu għat-tarf tan-Nofsinhar tax-Xatt ta' Lascaris.

M'għandhomx jitħallew inġenji rmunkati 'l hinn mix-xatt bejn il-ponta ta' Bighi u l-ponta ta' l-Isptar.

L-ebda bastiment ma jitħalla jidħol fl-area ristretta, kemm-il darba ma jkollux permess speċjali mingħand id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet). Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mis-Signal Station tat-Torri tal-Palazz (PTSS).

*Chart* affettwata: BA 177

Wieħed jista' jara partijiet miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Is-17 ta' Novembru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 57 of 2006**

*Image Projectors against Fort St Angelo*

The Malta Tourism Authority will be hosting two events at the Upper Barrakka Gardens in Valletta on 2nd and 5th December, 2006. Part of the events include a fireworks display from Bighi point shore and image projections against Fort St Angelo.

In view of the above, mariners are informed that part of the Grand Harbour will be closed to all vessels and craft between 2100 hours and 2230 hours local time (2000 hours and 2130 hours UTC) on the above-mentioned dates of the displays.

An imaginary line binds the restricted area from the following points:

1 On the North from St Angelo Point to Ricasoli Breakwater and the intermediate coastline and from St Angelo Point to Barriera Wharf.

2 On the South from St Angelo's Wharf to south end of Lascaris Wharf.

No craft is to be left moored off the shore between Bighi point and Hospital point.

No vessel will be allowed to enter the restricted area, except by special permission from the Executive Director (Ports). Mariners are to abide with instructions given by Palace Tower Signal Station (PTSS).

Chart affected: BA 177

Parts of charts can be seen on the website of the Malta Maritime Authorit at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

17th November, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1741

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-6 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Connie Schiavone (ID8869M) ta' 13, Triq l-Oratorju, Bormla, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erbgħa u tmenin lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm184.49) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (800/06RFA) hija differita għall-15 ta' Diċembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 9th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 6th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Connie Schiavone (ID8869M) of 13, Triq l-Oratorju, Bormla, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and eighty four Maltese liri and forty nine cents (Lm184.49) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 800/06RFA) is put off on the 15th December 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1742

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta'digriet mogħti fid-29 ta' Awissu 2006, fl-atti tar-Rikors numru 525/2006 GC, fl-ismijiet Kirton Investments Limited (C 31674) ta' 18/19, Europa Centre, Floriana vs Ian Sammut (K.I. 275777 M) ta' 8, Triq l-Għarbiel Swieqi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2006, fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ir-rikorrenti Kirton Investments Limited (C 31674) ta' 18/19 Europa Centre, Floriana, kif rappreżentata minn Nicholas Grech, li espona bir-rispett;

1. Illi d-dikjarant huwa Direttur tas-soċjetà attriċi u jinsab debitament awtorizzat sabiex jaħlef din id-dikjarazzjoni ġuramentata;

2. Illi fil-31 ta' Awissu 2005, is-soċjetà attriċi ffirmat kuntratt mal-konvenut u ma' soċjetà lokali bl-isem ta' Entrée' Limited (C 36821) oltre għal ċertu David Pollina (KI. 31801A), bil-konvenut u bl-istess David Pollina li daħlu bħala garanti solidali bejniethom u ma' Entrée' Limited għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha;

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 29th August 2006, in the records of the Application number 525/2006 GC, in the names Kirton Investments Limited (C 31674) of 18/19, Europa Centre, Floriana vs Ian Sammut (ID 275777M) of 8, Gharbiel Street, Swieqi, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, on the 9th June 2006, in the First Hall Civil Court, the applicant Kirton Investments Limited (C 31674) of 18/19 Europa Centre, Floriana, as represented by Nicholas Grech, who pleaded with respect;

1. That the declarant is a Director of the plaintiff company and is duly authorized to swear this sworn declarationġ

2.That on the 31st August 2005, the plaintiff company signed a contract with the defendant and with a local company of Entrée' Limited (C 36821) besides a certain David Pollina (ID 31801A), with the defendant and the same David Pollina who stood as sureties in solidum between them and with Entrée' Limited for its contractual obligations;

3. Illi skond kif indikat fil-klawsoli numri 2 u 3 tal-istess kuntratt is-soċjetà attriċi kienet qed tinvesti s-somma ta' ħmistax-il elf lira (Lm15,000) billi ffinanzjat proġett ta' Entrée' Limited

...Omissis...

4. Illi skond klawsola numru 4 ta' l-istess kuntratt , Entrée Limited kellha l-obbligu ta' ħlas lura lis-soċjetà attriċi

..Omissis...

5. Illi skond l-ewwel parti tal-klawsola numru 7(b) tal-istess kuntratt f'każ li sal-31 ta' Jannar 2006, is-soċjetà attriċi ma tkunx tħallset is-somma kollha ta' ħmistax-il elf lira (Lm15,000) fl-intier tagħha allura Entrée' Limited, kellha l-obbligu ta' ħlas immedjat

...Omissis...

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi s-soċjetà attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti;

(1) Tikkundanna lil istess konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6,000);

(2) Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fir-Rikors u bl-imgħaxijiet mid-19 ta' Mejju 2006 sad-data tal-pagament effettiv bl-ogħla rata permessa mil-liġi, ilkoll kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Lista tax-Xhieda.

Elenku tad-Dokumenti

Soċjetà attriċi: Kirton Investments Limited (C 31674) 18/19 Europa Centre, Floriana.

Notifika Konvenut: Ian Sammut (K.I. 275777M) 8 Triq l-Għarbiel Swieqi.

Ir-Rikors Numru 525/2006 GC, fl-ismijiet Kirton Investments Limited (C 31674) vs Sammut Ian jinsab differit għas-27 ta' April 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. That as indicated in clauses number 2 and 3 of the same contract the plaintiff company is investing the sum of fifteen thousand liri (Lm15,000) as it financed the project Entrée' Limited

...Omissis...

4. That according to clause number 4 of the same contract, Entrée Limited was obliged to pay back the plaintiff company

...Omissis...

5. That according to the first part of clause number 7(B) of the same contract in case up to the 31st January 2006, the plaintiff company is not paid all the sum of fifteen thousand (Lm15,000) in its entirety then Entrée' Limited was bound to pay immediately

...Omissis...

Thus for the reasons herein before premised the plaintiff company humbly asks this Honourable Court;

(1) To condemn the same defendant to pay the plaintiff company the sum of six thousand Maltese Liri (Lm6,000);

(2) Decide according to the demand without proceeding to a hearing of the cause.

With costs as stated in the Application and interests from the 19th May 2006, till the date of effective payment at the highest rate permitted by law, all against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff Company: Kirton Investments Limited (C 31674) 18/19 Europa Centre, Floriana.

Notify Defendant: Ian Sammut (ID 275777M) 8 Gharbiel Street, Swieqi.

The Application Number 525/2006 GC, in the names Kirton Investments Limited (C 31674) vs Sammut Ian has been put off to the 27th April 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*